# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 107/2024 BS**

**Victor Attard**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur illi premetta;**

Illi l-esponenti Victor Attard twieled fir-Rabat, Ghawdex fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1969) u dan kif jirrizulta minn kopja tal-karta tal-identita' tieghu li qed tigi annessa u markata bhala Dokument 'A';

Illi pero fic-certifikat tat-twelid tieghu l-istess Victor Attard huwa mnizzel li twieled fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u sebghin (1970) u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid bin-numru

progressiv tmienja u sebghin tas-sena elf disa mija u sebghin (78/1970) u li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dokument 'B';

Illi fil-verita' l-esponenti twieled fit-12 ta' Dicembru tas-sena 1969 u allura hija d-data fuq il-karta tal-identita' li hija korretta u mhix dik tac-certifikat tat-twelid. Infatti anke fic-certifikat tal-maghmudija tieghu huwa indikat li twieled fit-12 ta' Dicembru 1969;

Illi f' kull dokument li mela sa minn zghozitu sallum dejjem uza id-data tat-12 ta' Dicembru 1969 bhala d-data tat-twelid tieghu;

Illi d-diskrepanza harget propju issa meta l-esponenti mar biex jgedded il-karta tat-identita';

Illi bla dubju li dan ser johloq diffikulta' u ghalhekk l-attur jrid li jkun hemm korrezzjoni c-certifikat tat-twelid tieghu;

Illi ghaldaqstant hemm lok illi ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-esponenti sabiex dan l-izball jigi kkoregut, u huwa ghalhekk illi qieghda ssir din it-talba;

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-Att tat-Twelid tal-Attur li jgib in-numru progressiv tmienja u sebghin tas-sena elf disa mija u sebghin (78/1970) jikkontjeni zball kif fuq spjegat; u konsegwentement

2. Tordna illi l-istess Att tat-Twelid tal-Attuar jigi kkorregut billi fil-kolonna intestata “Twelid, Siegha, Jum, Xahar u Sena” id-data '12 ta' Jannar 1970' ghandha tigi sostitwita bid-data '12 ta' Dicembru 1969' u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan biex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar l' quddiem;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepixxa:**

1. Illi mill-Att tat-Twelid ta' Victor Attard, innumerat 78/1970, jirriżulta illi huwa twieled Victoria, Ghawdex, fit-12 ta' Jannar 1970, lil Salvu Attard u lil Coronata Said;

2. Illi kien il-missier li ghamel id-dikjarazzjoni tat-twelid ta' binhom Victor u li kkonfema d-dettalji tat-twelid ta' ibnu. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid iddetaljat, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkat Dok. B;

3. Illi r-rikorrent jghid li minkejja dak iddikjarat fuq l-Att tat-Twelid tieghu huwa dejjem kien konxju li d-data tat-twelid tieghu hija t-12 ta' Diċembru 1969 u mhux it-12 ta' Jannar 1970;

4. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent Direttur tar-Registru Pubbliku ghat-talba kif dedotta fir-rikors promotur, u ċioe' sabiex id-data tat-twelid ta' Victor Attard fuq l-Att tat-Twelid tieghu bin-numru 78/1970 tigi mibdulha mit-'12 ta' Jannar 1970' ghat-'12 ta' Diċembru 1969' qieghed jirrimetti ruhu ghad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfaċenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-posizzjoni tar-rikorrenti;

5. Tant ghandu x'jissottometti l-esponent;

6. Illi bla ħsara ghall-premess, l-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli ghal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu u għalhekk m'ghandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti ppreżentati mill-atturi annessi mar-rikors ġuramentat.[1] Fliet ukoll l-atti tal-kawża.

Rat illi fl-10 ta' Diċembru, 2024 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2025.[2]

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex.[3]

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.[4]

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2025 l-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-lum.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-attur kif indikat fir-rikors ġuramentat qed jagħmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Huwa jgħid li filwaqt li mentri huwa twieled fit-12 ta' Diċembru, 1969 fl-att tat-twelid ġie mniżżel li twieled fit-12 ta' Jannar, 1970.

Illi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-attur effettivament twieled fit-12 ta' Diċembru, 1969 u infatti dan ġie anke ikkonfermat mill-konvenut permezz ta' nota.[5]

Kif diġa nnutat din il-Qorti jirriżulta mill-atti li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi.

Billi ma jirriżultax xi tort da parti tal-konvenut tqis li dan m'għandux ibati l-ebda spejjeż.

[1] A fol 5  sa 7 tal-proċess
[2] A fol 10 tal-proċess
[3] A fol 17 tal-proċess
[4] A fol 16 tal-proċess
[5] A fol 19 tal-proċess

**Deċide.**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u :

1. Filwaqt li tiddikjara illi l-Att tat-Twelid tal-Attur li jgib in-numru progressiv tmienja u sebgħin tas-sena elf disa mija u sebgħin (78/1970) fih żball fix-xahar u fis-sena tat-twelid ta' l-attur;

2. Konsegwentement tordna illi l-istess Att tat-Twelid tal-Attur jiġi kkorregut billi fil-kolonna intestata "Twelid, Siegħa, Jum, Xahar u Sena" id-data '12 ta' Jannar 1970' għandha tiġi sostitwita bid-data '12 ta' Diċembru 1969' u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku ta' l-attur.

(ft )Dr Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft )Daniel Sacco

D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar- Reġistratur